MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 1014/2015/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1014/15 fl-ismijiet:

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

vs

**MIXER LIMITED (C – 9942)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Bank rikorrenti talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-kumpannija intimata milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari (a) art magħrufa bħala "*Ta' San Martin*", fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-kejl ta' ħdax-il elf seba' mija u disgħa u disgħin punt disgħa disgħa metri kwadri (11,709.99m$^2$); (b) għalqa magħrufa bl-istess isem fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ tal-kejl ta' għaxart elef mija u sebgħin metri kwadri (10,170m$^2$); (ċ) sehem ieħor minn għalqa oħra magħrufa b'dak l-isem, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-kejl ta' elf sitt mija u disgħa u sittin metri kwadri (1,669m$^2$); u (d) il-*batching plant* mibnija fuq l-għalqa fuq imsemmija, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, u l-art l-oħra ta' madwarha, u dan kif ilkoll aħjar imfissrin fl-atti tar-rikors promotur, u dan b'ħarsien tal-pretensjonijiet dedotti mill-Bank rikorrent f'kawża[1] biex terġa' tirrendi eżegwibbli sentenza mogħtija favurih minn din il-Qorti u kontra l-kumpannija intimata fit-28 ta' Frar, 2002[2];

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2015, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għat-30 ta' Ġunju, 2015;

[1] Rik. Nru. 146/15LM (imħolli għas-sentenza fl-14.10.2015)
[2] Ċitazz. Nru. 1407/00JRM

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2015, li bih awtorizzat li n-notifika tal-kumpannija intimata ssir wara l-ħinijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Lulju, 2015, li bih awtorizzat in-notifika tal-kumpannija intimata għall-finijiet tal-artikolu 187(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fil-21 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħet għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi opponiet għat-talba għaliex qalet li l-Bank rikorrent diġa` jgawdi minn jeddijiet ipotekarji fuq l-immobbli li għalihom inħareġ ir-rikors u wieħed ma jifhimx għaliex qiegħed iressaq ukoll it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Żiedet tgħid li l-Bank rikorrent diġa' eżegwixxa t-titolu tiegħu billi ħa sehem fl-atti tal-bejgħ ġudizzjarju numru 15 tal-2006. Safejn il-kawżali għall-ħruġ tal-Mandat hija l-pretensjoni dedotta fil-kawża biex tirrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli mill-ġdid, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret qabel waqtha. Temmet tgħid li l-valur tal-ġid li l-Bank rikorrent irid iżomm bil-ħruġ ta' dan il-Mandat jaqbeż bil-bosta l-kreditu li huwa jista' għandu kontriha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-22 ta' Lulju, 2015, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-Bank rikorrent (aktar 'il quddiem imsejjaħ "BOV") kien kanonizzat bħala kreditur tal-kumpannija intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "Mixer") bis-saħħa ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar, 2002, li marret f'ġudikat;

Tqis li sallum BOV għadu ma ssaldax il-kreditu kollu lilu dovut minn Mixer u kien saħansitra nieda proċeduri ta’ bejgħ ġudizzjarju b’irkant taħt l-awtorita’ tal-Qorti, li fihom il-ġid imsemmi kien aġġudikat favur terzi;

Tqis li, fis-17 ta’ Frar, 2015, BOV ressaq kawża kontra Mixer biex il-Qorti jħallih jerġa’ jirrendi eżegwibbli s-sentenza li ngħatat fi Frar tal-2002. Din il-proċedura tinsab imħollija għas-sentenza wara li kienet trattata l-kawża. Din hija l-pretensjoni li dwarha BOV qiegħed jitlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta’ Inibizzjoni, jekk jintlaqa’, jkun jista’ jintrabat ma’ ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta’ mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-elementi mitluba mill-għamla ta’ Mandat li BOV talab li jinħareġ, il-pretensjonijiet tiegħu huma diġa’ dedotti fil-kawża li huwa fetaħ kontra Mixer u li għadha qiegħda tinstema’;

Tqis dwar jekk BOV għandux il-jedd mad-daqqa t’għajn li jitlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta’ kull mandat ta’ inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta’ min jitlob il-ħruġ ta’ Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta’ ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t’għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub. Minn dak li jissemma fil-premessi tar-rikors li bih saret it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, dik il-pretensjoni ta’ BOV taqbeż sewwa l-limitu tas-somma msemmija fil-liġi. Dan jgħodd ukoll minkejja li Mixer tikkontesta dik il-pretensjoni;

Tqis illi, minbarra dan, bħala kejl ta’ dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis għalhekk li r-raġunijiet li Mixer tressaq fit-Tweġiba tagħha, ma tantx jiswew biex ixejnu l-jedd mad-daqqa ta’ għajn li ntwera li jeżisti biex jintalab u jinkiseb il-ħruġ tal-Mandat. L-istess ħaġa tingħad dwar il-pretensjoni ta’ Mixer li l-ġid milqut bit-talba għall-ħruġ tal-Mandat jiswa ħafna aktar mill-kreditu pretiż u kawtelat. Jekk dan huwa tabilħaqq minnu, il-liġi tagħti lil Mixer rimedju proċedurali xieraq, imma żgur mhux dak li żżomm milli jinħareġ il-Mandat jekk kemm-il darba jikkonkorru l-elementi għall-ħruġ tiegħu;

Tqis li, mill-atti tar-rikors, din il-Qorti hija sodisfatta li l-ele,enti mitluba mil-liġi tabilħaqq jikkonkorru;

Tqis ukoll li l-Mandat li BOV qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b’xi mod jitgħabba b’xi piż jew dejn ġdid b’mod tali li ’l quddiem ma jkunx jista’ jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent “kreditur” u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid intimat mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli (jibqa’) jużah;

Tqis li l-ġid li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat huwa tabilħaqq ġid tal-kumpannija intimata, u l-istess Mixer ma ressqet l-ebda prova li dan mhux il-każ;

Tqis li, għalhekk u kif ingħad qabel, l-eċċezzjonijiet imressqa minn Mixer huma ta’ xejra tali li ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti f’din il-

proċedura, għaliex jitolbu stħarriġ mill-Qorti li quddiemha kien trattat il-każ u li issa tipprovdi dwaru fis-sentenza li mistennija tingħata. Dan minbarra li wħud minnhom jistgħu jitqiesu meta u jekk l-istess Mixer tmexxi 'l quddiem il-proċedura xierqa għal għoti ta' rimedju wara li jkun inħareġ il-Mandat;

Tqis, għalhekk, li jirriżultaw l-elementi ewlenin mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub mill-Bank rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent** għall-ħruġ tal-Mandat;

**Taħtar**, għall-finijiet tal-artikolu 874(3) u bi spejjeż għar-rikorrenti, lin-Nutar Ian Carl Farruġia biex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

Tordna li l-kumpannija intimata tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2015.

**< Provediment >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------